**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2022**

Rikors Numru: 330/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 993/2016)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. ILLI l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (15.05.2016) u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal, Dok AA- ċertifikat taż-żwieġ; u Dok AAA- Affidavit;

2. ILLI l-partijiet ilhom *de facto* separati minn xulxin minn Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni anness u l-atti tal-medjazzjoni; Dok AB

3. ILLI m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom minn Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) separati de facto, illum jghixu hajja kompletament separata;

4. ILLI m'hemm l-ebda pretensjoni ghal manteniment fil-konfront ta' xulxin u stante li l-partijiet irrinunzjaw ghal istess dritt;

5. ILLI dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

6. ILLI r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar il-hmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (15.05.2016) ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrent;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta'Jannar 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.